MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 527/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**
**KONTRA**

**MARIO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Farrugia ta’ 50 sena, bin Carmel u Josephine nee’ Scicluna, mwieled Siggiewi nhar is- 17 ta’ Marzu 1961, residenti Slaces, Triq it- Tigrija, Siggiewi jew 39, Inspirations, Triq il- Granmastri, Wied il- Ghajn u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 241461M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 21 ta’ Dicembru 2009, ghal habta tad-9.30am, filwaqt li kien fil- fond 39, Inspirations, Triq il-Granmastri, Wied il- Ghajn, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ Sandra Pace mill- Gzira, f’ periklu car, ikkagunalha ferita ta’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. Michael Gonzi MD, it- tabib tat- Taqsima tal- Emergenza tal- Isptar Mater Dei, liema ferita ggib debulizza permanenti fis- sahha jew f’ xi parti mill- funzjoni tal-gisem u fl- idejn tal- vittma;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qieghed xoghol fil-hanut “Inspirations” gewwa Wied il-Ghajn fid-data u l-hin indikati, meta dahlet fil-hanut Sandra Pace sabiex tigbor xi informazzjoni minn ghandu dwar il-bejgh o meno ta’ kartolini. Pace kienet dak iz-zmien tahdem ghan-nom tal-kartolini Hallmark. Inqala’ xi dizgwid bejniethom, u Pace sofriet griehi f’idha minhabba f’hekk. Hija harget mil-hanut, sar rapport lill_pulizija u ttiehdu proceduri kontra l-imputat ghal dan l-incident.

Mil-provi prodotti, ma hemmx dubju li kien l-imputat li aggredixxa lil Pace fil-hanut imsemmi. Il-griehi li sofriet kienu kagunati billi l-imputat sabbat il-bieb tal-hanut fuq idha, bil-konsegwenza li hi sofriet griehi hfief, izda dan kien risultat tal-agir aggressiv tieghu fil-konfront ta’ Pace. Huwa evidenti li hebb ghaliha fil-hanut, aggrediha, u gholla lehnu maghha, apparentement minghajr ebda provokazzjoni jew biex jiddefendi lilu nnifsu minnha. In difesa, hu jghid li seta’ bi zball ghalaq il-bieb tal-hanut fuq idha minghajr ma ried jaghmillha ebda offiza, izda l-agir tieghu ma kienx ta’ wiehed li accidentalment iferi lil

haddiehor. L-agir tieghu kien ta’ wiehed qed jirrabja u jrid jehles minn min ghandu quddiemu billi jkecciha ‘l barra b’kull mezz li jista’. Ghalhekk il-fehma tal-Qorti hi li l-imputat huwa hati ta’ din il-kawza, izda li kkaguna ferita hafifa u mhux wahda gravi, kif indikata fic-citazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 216 (1) (a) (b) u 221 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah xaharejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. Tordna hrug ta’ protezzjoni ghal sentejn favur Sandra Pace ai terminu tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------